# Il-Ħadd 28.09.2014

1. Il-Ħadd 28/09:
   - Il-Papa Franġisku qed jistedinna biex ningħaqdu flimkien fit-talb bi thejjija għas-Sinodu Straordinarju tal-Isqfijiet li ser isir Ruma fil-jiem li ġejjin (bejn il-5/10 u d-19/10) dwar *'L-isfidi pastorali tal-familja fil-kuntest tal-evanġelizazzjoni'*. Nitolbu l-interċessjoni tal-Familja Mqaddsa sabiex din il-laqgħa tal-Isqfijiet tkun mument ta' grazzja u tiġdid għall-Knisja u għall-familji tad-dinja kollha. B'mod speċjali noffru t-Talba tar-Rużarju għal dan il-għan.
   - Fil-5.00pm issir l-aħħar rappreżentazzjoni ta' *'Dun Ġorġ: il-Musical'* fit-Teatru tal-Istitut Kattoliku. Nissuġġerih bħala ħarġa għall-familja kollha u hekk inkunu qed ninkuraġixxu t-talent żagħżugħ nisrani.
2. Mit-Tnejn 29/09, il-Quddiesa ta' filgħodu tibda ssir fit-7:45am, u mhux fis-7:30am.
3. It-Tnejn 29/09:
   - Fis-6:30pm ikollna l-Quddiesa tal-Bidu tas-Sena Kateketika (tad-Duttrina), li għaliha huma mitluba jiġu kemm il-ġenituri kif ukoll it-tfal. Matul din il-quddiesa nitolbu wkoll għall-katekisti li ser jgħallmu.
   - Fis-6:30pm, l-Arċisqof Emeritu, Mons. Ġużeppi Mercieca, ser ikun qed imexxi konċelebrazzjoni fil-Katidral tal-Imdina bħala radd il-ħajr lil Alla tal-40 anniversarju mill-ordinazzjoni episkopali tiegħu. Inħeġġeġ biex bħala parroċċa niftakru fih fit-talb tagħna, u biex min jista' jattendi.
4. It-Tlieta 30/09:
   - Fl-10:00am, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tal-Anzjani, qed tkun organizzata Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Kristu Re, Raħal Ġdid li tkun immexxija mill-Arċisqof Cremona.
5. Il-Ħamis 2/10:
   - Jum ta' Talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju tal-Virtù, r-Rabat. Jibda b'quddiesa fid-9:30am u fis-6:30pm ikun hemm adorazzjoni u quddiesa mas-seminaristi.
6. Il-Ġimgħa 3/10, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
7. Il-Ħadd 5/10:
   - Il-quddiesa tas-6:00pm tkun iċċelebrata minn Mons. Arċisqof Pawl Cremona O.P., u fiha ser nitolbu l-barka ta' Alla fil-bidu tar-responsabbiltajiet u l-ħidmiet tiegħi, (Dun David Farrugia), bħala l-Kappillan ta' din il-parroċċa. Għandkom stedina personali annessa mal-Magażin 'Flimkien' li qed jitqassam f'dawn il-jiem.
8. Il-Ħadd 12/10 niċċelebraw il-**Festa tal-Madonna tar-Rużarju**:
   Fil-5:30pm - Quddiesa bil-priedka mill-Kappillan, Dun David Farrugia, u
   Fis-6:15pm - Purċissjoni, li fiha jingħad ir-Rużarju,
   u li tintemm b'Ċelebrazzjoni Ewkaristika.
9. Infakkru li matul dan ix-xahar ta' Ottubru jingħad ir-Rużarju fil-knisja:
   Filgħodu -- qabel il-quddiesa tat-7:45am;
   Filgħaxija -- fis-6:00pm.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 224 bħala ġabra speċjali b'risq il-Missjoni tal-Art Imqaddsa;
    - € 50 bħala donazzjonijiet għax-xogħol fil-knisja.
    - € 40 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Nirringrazzjawkom.